**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Gunju 2024**

Rikors Numru: 102/24 AL

AB

Vs

CD

(M.R. Numru 1196/2017)

Rat ir-rikors illi gie  kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-wieħed u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (21.05.2017) fil-Knisja ta' Ġieżu, il-Belt Valletta, u dan skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma tnisslu l-ebda ulied.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni redatt min-Nutar Dottor Marco Burlo tal-għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (20.12.2022), kopja ta' liema att jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok B.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe ħlas ta' manteniment jew spejjeż oħra fil-konfront ta' xulxin.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma legalment separati minn xulxin, huma ilhom snin jgħixu wkoll ħajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall- otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi qed jigi annessi mar-rikors odjern affidavit tar-rikorrent, hawn anness u immarkat bħala Dok C.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieg (divorzju) bejn il-partijiet,

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan skont dawk id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha illi dina il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Marzu 2024;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Dicembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.